**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 22 ta' Jannar 2014
(OR. en)**

**17312/13**

**LIMITE**

**PV/CONS 59
COMPET 898
RECH 591
ESPACE 103**

PUBLIC

**ABBOZZ TA' MINUTI**[1]

| | |
|---|---|
| Suġġett: | **It-3276**laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)**) li saret fi Brussell fit-2 u t-3 ta' Diċembru 2013 |

[1] L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet leġislattivi tal-Kunsill, dwar deliberazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

## WERREJ

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda ......................................................................................................... 4

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" ......................................................................................... 4

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

3. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" ......................................................................................... 4

SUQ INTERN U INDUSTRIJA

4. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku [L-ewwel qari] ......................................................................................... 4

5. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea [L-ewwel qari] ...................................... 5

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

6. Kontribut għas-Semestru Ewropew u l-laqgħat li jmiss tal-Kunsill Ewropew ........................... 5

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

7. Reviżjoni tas-Sistema Ewropea tat-Trade Marks [L-ewwel qari] ............................................. 6

SPAZJU

8. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 [L-ewwel qari] .................................. 6

9. Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta’ appoġġ għas-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju (SST) [L-ewwel qari] ............................. 7

RIĊERKA

10. Proposti mill-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti sħubijiet pubbliċi-pubbliċi mal-Istati Membri skont l-Artikolu 185 TFUE għall-implimentazzjoni konġunta ta' programmi nazzjonali ta' riċerka [L-ewwel qari] ................................................................................................... 7

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

11. Proposti mill-Kummissjoni għal Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE .... 8

12. Innovazzjoni tas-Settur Pubbliku: Segwitu għall-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2013… 9

13. Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha… 9

14. Affarijiet oħra

(a) Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) … 9
(b) Il-Pakkett dwar is-Sigurtà tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq …. 10
(c) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għal użi online fis-suq intern [L-ewwel qari] ….. 10
(d) Privattiva Ewropea b'Effett Unitarju u Qorti Unifikata tal-Privattivi … 10
(e) Programm ta' Ħidma tal-Presidenza li jmiss … 10

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 11

*

* *

1. **Adozzjoni tal-aġenda**
16886/1/13 REV 1 OJ CONS 59 COMPET 875 RECH 571 ESPACE 96

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

2. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**
16889/13 PTS A 81

Fit-2 ta' Diċembru 2013 il-Kunsill adotta l-punti "A", **ħlief il-punt 18**, elenkati fid-dokument***16889/13***. Fit-3 ta' Diċembru 2013 il-Kunsill adotta l-**punt 18** mil-lista ta' punti "A" elenkati fid-dokument ***16889/13***.

Id-dokumenti fil-punt 18 għandhom jaqraw kif ġej:

**Punt 18:** 16371/**1**/13 **REV 1** ASIM 98 TU 10
16371/13 ADD 1

Id-dikjarazzjonijiet rigward dawn il-punti jinsabu fl-Anness.

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**
***(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)***

3. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**
16888/13 PTS A 80

Il-Kunsill adotta l-**punt 1** mil-lista ta' punti "A" elenkati fid-dokument ***16888/13 + REV 1 (ro)*** fit-2 ta' Diċembru 2013. Fit-3 ta' Diċembru 2013 il-Kunsill adotta l-**punti 2 sa 7** mil-lista ta' punti "A" elenkati fid-dokument ***16888/13 + REV 1 (ro)***.

Id-dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

SUQ INTERN U INDUSTRIJA

4. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0213 (COD)
– Approċċ ġenerali
12104/13 MAP 62 COMPET 552 MI 621 EF 145 ECOFIN 687 TELECOM 192 CODEC 1703
16162/13 MAP 86 COMPET 822 MI 1024 EF 226 ECOFIN 1014 TELECOM 307 CODEC 2563

Il-Kunsill adotta l-Approċċ Ġenerali kif jinsab fid-dokument 16162/13.

5. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea** **[L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0185 (COD)
– Approċċ ġenerali
11381/13 RC 29 JUSTCIV 177 CODEC 1566
+ COR 1
+ REV 1 (nl, pt, sk)
15983/13 RC 43 JUSTCIV 261 CODEC 2515

Il-Kunsill adotta l-Approċċ Ġenerali kif jinsab fid-dokument 15983/13 b'emenda waħda għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 9, biż-żieda tat-test "… bħala evidenza ***skont il-liġi nazzjonali*** fost oħrajn…".

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

**6. Kontribut għas-Semestru Ewropew u l-laqgħat li jmiss tal-Kunsill Ewropew**
– Dibattitu ta' orjentazzjoni
16173/13 COMPET 825 MI 1029 IND 330 RECH 536 ECOFIN 1015

**(a) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2014" u "Rapport Annwali dwar l-Integrazzjoni tas-Suq Uniku"**
– Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
15803/13 ECOFIN 984 SOC 904 COMPET 781 EDUC 425 ENV 1025 RECH 509 ENER 502 FISC 214
+ COR 1
16171/13 COMPET 824 MI 1027 CONSOM 196 IND 329 RECH 535 TRANS 588 TELECOM 308 ENER 522 POLGEN 220

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni bħala kontribut fid-dawl ta' diskussjonijiet futuri dwar is-Semestru Ewropew u l-laqgħat li jmiss tal-Kunsill Ewropew.

**(b) Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-"Politika Industrijali Ewropea"**
– Adozzjoni
16560/13 IND 346 COMPET 857 MI 1059 EDUC 445 ENER 545 RECH 565 ECOFIN 1040

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fid-dokument 17202/13

**(c) Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-"Politika tas-Suq Uniku"**
– Adozzjonijiet
16443/13 MI 1048 COMPET 840 MAP 89 TELECOM 317

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fid-dokument 16443/13.

**(d) Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Regolamentazzjoni Intelliġenti"**
– Adozzjoni
16445/13 COMPET 841 MI 1049 POLGEN 226

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fid-dokument 17227/1/13 REV 1.

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**
***(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)***

**7. Reviżjoni tas-Sistema Ewropea tat-Trade Marks** [L-ewwel qari]

**(a) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (Riformulazzjoni)**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0089 (COD)
8066/13 PI 52 CODEC 711
+ REV 1 (de)

**(b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0088 (COD)
8065/13 PI 51 CODEC 710
+ REV 1 (es)

– Rapport ta' progress
16218/13 PI 165 CODEC 2573

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress li jinsab fid-dokument 16218/13.

SPAZJU

**8. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0164 (COD)
– Approċċ ġenerali
10275/1/13 ESPACE 37 CODEC 1272 COMPET 375 RECH 213 IND 168 TRANS 288 MI 477 ENER 239 ENV 484 COSDP 498 CSC 53 TELECOM 146 REV 1
16534/13 ESPACE 93 CODEC 2645 COMPET 845 RECH 552 IND 341 TRANS 606 MI 1054 ENER 538 ENV 1090 COSDP 1096 CSC 156 TELECOM 319
+ COR 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 17235/13 u ta mandat lill-Presidenza biex jidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi ta' dan l-approċċ ġenerali.

**9.** **<u>Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' appoġġ għas-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju (SST)</u> [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0064 (COD)
– Rapport ta' progress
6952/13 ESPACE 18 COMPET 120 IND 54 RECH 52 TRANS 83
COSDP 187 CSC 19 CIVCOM 88 CODEC 547
+ COR 1
16537/13 ESPACE 94 COMPET 847 IND 342 RECH 555 TRANS 607
COSDP 1097 CSC 157 CIVCOM 487 CODEC 2647

<u>Il-Kunsill</u> ħa nota tar-Rapport ta' Progress kif jinsab fid-dokument 16537/13.

<u>RIĊERKA</u>

**10.** **<u>Proposti mill-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti sħubijiet pubbliċi-pubbliċi mal-Istati Membri skont l-Artikolu 185 TFUE għall-implimentazzjoni konġunta ta' programmi nazzjonali ta' riċerka</u> [L-ewwel qari]**

**(a)** **Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Programm Ewropew tal-Metroloġija għall-Innovazzjoni u r-Riċerka li bosta Stati Membri jwettqu b'mod konġunt**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0242 (COD)
12372/13 RECH 358 COMPET 576
16548/13 RECH 560 COMPET 852 CODEC 2653

**(b)** **Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi Programm ta' Riċerka u Żvilupp imwettaq b'mod konġunt minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja intrapriżi żgħar u medji li jwettqu riċerka**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0232 (COD)
12336/13 RECH 350 COMPET 568 MI 643 IND 210
16533/13 RECH 551 COMPET 844 MI 1053 IND 340 CODEC 2644

**(c)** **Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fit-tieni Programm tas-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw li jwettqu bosta Stati Membri b'mod konġunt**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0243 (COD)
12369/13 RECH 356 SAN 271 SOC 596
16535/13 RECH 553 SAN 458 SOC 961 CODEC 2646

(d) **Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parterċipazzjoni tal-Unjoni fil-programm ta' Riċerka u Żvilupp għall-Għajxien Attiv u Megħjun tal-Unjoni li qed isir b'mod konġunt minn diversi Stati Membri**
Fajl Interistituzzjonali: 2013/0233 (COD)
12367/13 RECH 355 COMPET 574 TELECOM 204 SOC 595 MI 648
16549/13 RECH 516 COMPET 853 TELECOM 320 SOC 962 MI 1056
CODEC 2652

– Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-erba' proposti kollha kif jinsabu fid-dokumenti 16548/13 16548/13, 16533/13, 16535/13 u 16549/13, u ta mandat lill-Presidenzi biex jidħlu f'negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi ta' dawn l-approċċi ġenerali.

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

11. **Proposti mill-Kummissjoni għal Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 TFUE**

(a) **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta tal-Industriji b'Bażi Bijoloġika**
12355/13 RECH 354 COMPET 573 IND 212 ENER 363 AGRI 483
16540/13 RECH 556 COMPET 848 IND 343 ENER 540 AGRI 764

(b) **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta Clean Sky 2**
12347/13 RECH 353 COMPET 572 ENV 708 AVIATION 108
16551/13 RECH 562 COMPET 854 ENV 1095 AVIAION 224

(c) **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta ECSEL**
12375/13 RECH 359 COMPET 577 MI 649
16542/13 RECH 557 COMPET 849 MI 1055

(d) **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2**
12378/13 RECH 360 ENER 364 COMPET 578 ENV 709
16544/13 RECH 558 ENER 542 COMPET 850 ENV 1093

(e) **Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2**
12370/13 RECH 357 COMPET 575 IND 213 SAN 272
16547/13 RECH 559 COMPET 851 IND 344 SAN 459

– Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-ħames proposti kollha kif jinsabu fid-dokumenti 16540/13, 16551/13, 16542/13, 16544/13 u 16547/13.

**12. Innovazzjoni tas-Settur Pubbliku: Segwitu għall-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2013**
– Dibattitu ta' orjentazzjoni
16066/13 RECH 528 COMPET 808

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi tal-mistoqsijiet li jinsabu fid-dokument 16066/13.

**13. Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha**
(Bażi legali: Artikolu 47 tat-Trattat Euratom)
– Qbil politiku
13253/13 RECH 387 ATO 95 COMPET 617
16536/13 RECH 554 ATO 148 COMPET 846

Il-Kunsill ġie informat mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali l-aktar reċenti tal-proġett ITER u laħaq qbil politiku abbażi tad-dokument 16563/13. Id-delegazzjonijiet COM u LU għamlu dikjarazzjonijiet (kif jinsabu fl-Anness għal dawn il-minuti).

**14. Affarijiet oħra**

Suq Intern u Industrija

**(a) Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER)**
– Informazzjoni mill-Kummissjoni (mitluba mid-delegazzjoni Ċeka)
16345/13 COMPET 836 RC 46

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Ċeka fid-dokument 16345/13, il-kummenti li għamlu bosta mid-delegazzjonijiet, u l-informazzjoni mogħtija mill-Viċi President Almunia tal-Kummissjoni.

**(b) Il-Pakkett dwar is-Sigurtà tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq**

- **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE**
  Fajl Interistituzzjonali: 2013/0049 (COD)
- **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sorveljanza tal-prodotti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE, u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 1999/5/KE, 2000/9/KE, 2000/14/KE, 2001/95/KE, 2004/108/KE, 2006/42/KE, 2006/95/KE, 2007/23/KE, 2008/57/KE, 2009/48/KE, 2009/105/KE, 2009/142/KE, 2011/65/UE, ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**
  Fajl Interistituzzjonali: 2013/0048 (COD)

– Informazzjoni mill-Presidenza
*(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)*
16872/13 ENT 322 MI 1077 CONSOM 204 CODEC 2718 COMPET 874
UD 312 CHIMIE 128 COMER 272

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza.

**(c) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatai u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali ta' drittijiet f'xogħlijiet mużikali għal użi online fis-suq intern [L-ewwel qari]**
Fajl Interistituzzjonali: 2012/0180 (COD)

– Informazzjoni mill-Presidenza
*(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza.

**(d) Privattiva Ewropea b'Effett Unitarju u Qorti Unifikata tal-Privattivi**

– Informazzjoni mill-Presidenza u mill-Kumitat ta' Tħejjija u l-Kumitat Magħżul
15819/13 PI 159

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni li tinsab fid-dokument 15819/13 u tal-informazzjoni bil-fomm mogħtija mill-Presidenza u ż-żewġ Presidenti tal-Kumitat ta' Tħejjija u l-Kumitat Magħżul.

o

o o

**(e) Programm ta' Ħidma tal-Presidenza li jmiss**

– Informazzjoni mid-delegazzjoni Griega

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza Griega li jmiss.

************

## DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

**Rigward il-punt "A" nru 1:** **Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-snin tas-suq 2001/2002, 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005, 2005/2006, il-koeffiċjent meħtieġ għall-kalkolu tal-imposta addizzjonali għas-snin tas-suq mill-2001/2002 u 2004/2005 u l-ammonti li għandhom jitħallsu mill-manifatturi taz-zokkor lill-bejjiegħa tal-pitravi fir-rigward tad-differenza bejn l-ammont massimu tal-imposti u l-ammont ta' dawn l-imposti li għandhom jitħallsu għas-snin tas-suq 2002/2003, 2003/2004 u 2005/2006 - Adozzjoni**

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tikkonferma li l-mistoqsija dwar jekk, f'każ partikolari, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-ġbir tal-imposta fuq iz-zokkor saritx definittiva jew teħtieġx li tiġi eżaminata abbażi tal-ammonti riveduti ta' imposti inklużi fir-Regolament il-ġdid tal-Kunsill, u taħt liema kondizzjonijiet, għandha titwieġeb skont il-liġi nazzjonali applikabbli."

**Rigward il-punt "A" nru 18:** **Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-Sħubija għall-Mobilità bejn it-Tuneżija u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha**

**DIKJARAZZJONI MIR-RENJU UNIT**

"Ir-Renju Unit jilqa' l-konklużjoni għas-Sħubija għall-Mobilità mat-Tuneżija. Aħna għandna l-intenzjoni nipparteċipaw f'din is-Sħubija, u li l-Anness jagħmel ċar l-offerta tagħna li naħdmu mat-Tuneżija fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri.

Filwaqt li jinnota n-natura mhux vinkolanti tad-dikjarazzjoni politika u n-natura volontarja tal-azzjoni taħt tali Sħubijiet, ir-Renju Unit jixtieq jagħmel l-intenzjoni tiegħu ċara li *ma jipparteċipax* fid-dispożizzjonijiet speċifiċi marbuta mal-portabbiltà tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali."

**Rigward il-punt "A" nru 25:** **Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li se tieħu l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Jemen mad-WTO**

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-UE favur l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Jemen.

Il-Kummissjoni tinnota li huwa propost li Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tiġi adottata dwar din l-adeżjoni permezz ta' qbil komuni fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Istati Membri fid-WTO. Il-Kummissjoni tinnota li kien ikun possibbli li tiġi adottata deċiżjoni tal-UE li kienet tirrendi deċiżjoni separata bħal din mhux meħtieġa."

**DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA**

"Id-dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju inklużi fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jorbtu biss lill-Irlanda bħala parti mill-Unjoni fejn hija nnotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda u r-Renju Unit fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. L-Irlanda ser tiżgura li l-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju tkun permessa f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet."

**DIKJARAZZJONI MIR-RENJU UNIT**

"Id-dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju inklużi fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jorbtu biss lir-Renju Unit bħala parti mill-Unjoni fejn hija nnotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fid-Deċiżjoni msemmija hawn fuq f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja."

*****

**Rigward il-punt "B" nru 13:** **Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha**

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-baġit għall-proġett tal-ITER għas-snin mill-2014 sal-2020, kif indikat fil-proposta tal-Kummissjoni fil-valuri attwali, hija konformi għalkollox mal-baġit ġenerali b'limitu massimu ta' EUR 6.6 biljun (fil-valuri tal-2008) kif deċiż mill-Kunsill fl-2010 għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-ewwel proġett internazzjonali ta' riċerka ta' dan it-tip.

F'dan ir-rigward il-Kummissjoni ser tiżgura li l-impenn annwali u l-approprjazzjonijiet ta' pagament li għandhom jiġu ttrasferiti lill-Impriża Konġunta għall-ITER u l-iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) huma konsistenti mal-iżvilupp tal-proġett ITER, filwaqt li fl-istess ħin jiġu ssorveljati mill-qrib il-miżuri ta' kontroll tal-ispejjeż u ta' ffrankar tal-ispejjeż implimentati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER u mill-Fużjoni għall-Enerġija.

F'każ li jkun hemm spejjeż żejda u jkun jeħtieġ finanzjament addizzjonali mill-baġit tal-UE, ikun jeħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-QFP għas-snin mill-2014 sal-2020. Wara li jiġi emendat ir-Regolament dwar il-QFP, ikun jeħtieġ li l-Awtorità tal-Baġit tieħu l-passi meħtieġa skont il-proċedura baġitarja normali."

**DIKJARAZZJONI MIL-LUSSEMBURGU**

"Il-Lussemburgu jirrikonoxxi l-importanza tal-proġett ITER u jilqa' t-test ta' kompromess filwaqt li madankollu jibqa' jżomm l-attitudni kritika tiegħu rigward ir-riċerka nukleari inġenerali. Minkejja dan, il-Lussemburgu jenfasizza li, fil-ġejjieni, il-fondi Ewropej għar-riċerka u t-taħriġ għandhom ikunu aktar immirati lejn l-enerġija rinnovabbli. Peress li l-proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni ma tnedix tali bidla għall-enerġiji rinnovabbli, il-Lussemburgu ma jistax jaqbel magħha fl-intier tagħha u għalhekk qed jastjeni mill-vot. Barra minn hekk, il-gvern il-ġdid tal-Lussemburgu ser jinvestiga l-possibbiltà li jtemm il-kontribut finanzjarju tiegħu għall-ITER."